KUNSILL LOKALI
**MOSTA**
LOCAL COUNCIL

MINUTI
Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mosta
Tmien LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 73** **Tnejn 19 ta' Frar 2024**

Il-Kunsilli Lokali Mosta ltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq Il-Kostituzzjoni, fis-6:15pm ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**
Perit Christopher Grech - Sindku
Rachel Abela - Viċi Sindku
Keith Cassar - Kunsillier
Francis Deguara – Kunsillier
Dott. Angele Rapa – Kunsillier
Aiken Zerafa – Kunsillier
Maria Pia Bonnici – Kunsilliera
Mario Victor Camilleri – Kunsillier
Danny Farrugia - Kunsillier
George Borg – Kunsillier
Anna Galea – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Jesmond Gauci - Kunsillier

**ASSENTI:**
Joseph Gatt- Kunsillier

**MISTIEDNA:** Accountant Daniel Galea (onlajn)

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Lorraine Templeman - Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**
Is-Sindku Chris Grech ippreseda l-laqgħa.

**73.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**
Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat u qrat l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsillier Gauci. Il-membri preżenti unanimament aċċettaw l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsillier Gauci.

**73.2 Kunsiderazzjoni tal-Minuti numri 72.**
**REF: 44.3.4 – Kommunikazzjoni – 'Byelaw' Ġnien l-Għarusa tal-Mosta**
Is-Sindku nforma li jrid jiffinalizza din il bye-law, fejn il-ġnien ġie maqsum f'żoni bi prezz f'kull żona, u prezz ieħor għal min jkun jixtieq juża l-ġnien kollu.
Is-Sindku nforma li għad jrid jibgħat *draft* tal-bye-law lil-Kunsilliera biex jarawha.

Is-Sindku nforma wkoll li tkellem ma Sa. Martina ta' l-MCAST, fejn talabha użu ta' biċċa art, fejn hemm kamra li qiegħda mdawra bil-*fencing* li tinsab livell mall-parkeġġ pubbliku, biex jikkunsidraw li *sotto suol* ta din l-art tiġi żviluppata mill-Kunsill, u l-MCAST xorta jkollhom din l-art livell mall-parkeġġ. Is-Sindku spjega li taħt dan il-livell idealment jinbena spazju fejn jiġi konvertiti fl-latrini pubbliċi u kamra b'użu varjat (functions caterer/store) fejn dan l-ispazju jkun jista' jintuża mill-Kunsill, u terġa tinbena fuq is-saqaf il-kamra ta' fuq għall-użu ta' l-MCAST, u b'hekk l-latrini u l-kamra ta' taħt jkunu nklużi fil-*bye law.*
Is-Sa. Martina għanda titkellem mad-diretturi ta' l-MCAST għall-approvazzjoni.

Il-Kunsillier Camilleri nforma li dwar ġnien l-Għarusa tal-Mosta jixtieq jfaħħar min qed jieħu ħsieb għax qed jkun nadif.

**REF: 50.5.6 Phase 3 Lighting Pjazza**
Is-Sindku nforma li l-Enemalta ser joħorġu tender għad-dawl tal-pjazza, fejn ipprovdilhom il-BOQ's u speċifikazzjonijiet li prepara d-disinjatur Frank Franjou. Il-Kunsillier Cassar staqsa jekk jistgħux jsiru madwar erba' *floodlights* temporanji peress li hemm nuqqas ta' dawl, u jitneħħa l-fustun li hemm mad-dawra tal-pjazza.
Il-Kunsilliera qablu.

**REF: 52.3.7 Skema ERA CCTV Kameras – FOND AMBJENTALI ERA**
Is-Sindku nforma li tkellem mas-Sur Daniel Cilia, uffiċjal mill-ERA, fejn dawn għamlu proposta ta' kif jidher il-*belvedere* wara li jissaqqaf il-ġibjun, fejn is-Sindku ċċirkola mal-membri preżenti l-ewwel *draft* tad-disinn propost. Hemm €75,000 disponibbli għal dan il-proġett mill-ERA, u trid issir il-BOQ mill-perit tal-Kunsill. Dawn il-flus ser jservu biss għax-xogħol strutturali f'dan l-ġibjun, u għalhekk bħala *finishing* tal-*belvedere* jrid jsir aktar il-quddiem, imma ta' l-inqas nibdew billi jkun jista' jintuża l-ilma tal-ġibjun biex issir sistema ta' pompi u *drip irrigation* li ssaqqi l-ġnien b'sistema awtomatika.

**REF: 52.5.6 Bye Law Reklami fuq Għamara ta' Toroq**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li għalkemm l-avukat informa li lesta l-abbozz, dan għadu ma bagħtux lil-Kunsill biex jintbagħat lid-DLG għal approvazzjoni.

**REF: 55.4.1 Spustjar Permanenti ta' parti mill-Monti**
Il-Kunsilliera Bonnici nfurmat li kellmuha tal-Community Police, li peress li ma hemmx pjanta, ma jistgħux jagħmlu infurzar. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li għalkemm sar l-eżerċizzju biex niġbru lista attwali, uħud mil-bejjiegħa tal-monti rranġaw bejniethom matul iż-żmien fejn ser joqgħodu, hemm wkoll min jissellef il-post mis-sid li għandu l-permess u ma għandux permess fuqu, hemm min ma jafx x'inhu in-numru tal-permess jew tilef il-karti. Dawn qatt ma jiġu jinfurmaw il-Kunsill, u għalhekk dawn matul is-snin ser jibqgħu jgerrfxu bejniethom u qatt mhu ser nsibu tarf.
Saret diskussjoni, fejn is-Segretarju Eżekuttiv ħadet nota biex titlob lit-Trade Department jekk jistgħux jgħaddulna lista ta' min jħallas u min hu validu biex jarma.

**REF: 55.5.2 Update - Ingaġġ ta' Skrivan Skala 15**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li saru l-*interviews* u ntgħażel il-persuna l-persuna li ġie l-ewwel u li mar l-aħjar waqt l-*interviews.* Il-persuna li ġie l-ewwel, ċertifikat ta' l-ECDL ma kellux, imma qed jagħmel il-kors li jispiċċa f'April, għalhekk tlabna permess lid-DLG biex jikkunsidraw li jingħata l-*appointment* bil-kundizzjoni li jekk ma jġibx l-ECDL waqt il-*probation*,

jkun it-terminat il-kuntratt, però d-DLG m'approvawx, għalhekk ser jkun ingaġġat min ġie t-tieni fl-*interviews*.

**REF: 56.3.8 Proġett Project Green**
Is-Segretarju Ezektuiv nfurmat li għadna ma wasalniex biex jkollna *pre-financing* tat-10% tal-ammont li huwa madwar €200,000.
**REF: 58.4.3 Traffic Calming Measures Triq il-Mitħna REF: 58.3.2 Toroq u Sqaqien (inkluż dawk iffinanzjati mid-DPF)**

Is-Sindku nforma li għad jrid jaraw min fejn ser jieħdu s-*supply* għal-elettriku, għax hemm żewġ residenti m'aċċettawx, u għalhekk qed jieħu ħsieb biex jsibu alternattiva oħra.

**REF: 59.3.5 Roundabouts: LIDL/l-Pont u Monument fil-pjazza (Obelisk)**
Is-Sindku nforma li għad jrid jibgħat il-kriterji, dwar il-monument fuq ir-*roundabout* tal-LIDL biex tinħareġ espressjoni ta' interess lil-artisti. Liema kriterji ġew maqbula bejn il-membri tal-Kunsill (referenza laqgħa 71) hekk kif ġej:

- l-Kunsill ma jkunx obbligat li jmur għal irħas proposta,
- l-monument jkun jista' jinqala,
- sejħa toħroġ għal artisti Mostin,
- jkun hemm il-prezz ta' kemm jiġi jiswa u nstallat,
- l-Kunsill ma jkunx marbut b'terminu,
- d-disinn ma jkunx replikat f'xi raħal ieħor mill-artist.

Rigward il-monument tal-pont, is-Sindku nforma li din ħa tkun sejħa miftuħa għal kulħadd u mhux għall-artisti Mostin biss, u nforma li qed jistenna mil-Profs. Cassar biex jerġa' jiltaqà l-kumitat.

**REF: 61.3.2 Street Naming**
Is-Sindku nforma li din il-materja għad trid tiġi diskussa waqt *traffic management committee*, kif wkoll hemm proprjetajiet ġodda fejn ma hemmx isem tat-triq.

**REF: 62.3.2 Tenders**
Is-Sindku nforma li waqt li kellna laqgħa mal-Cleansing and Maintenance Division (CMD) fuq il-magni tal-knis li ġew mgħotija l-Kunsill, tkellimna wkoll dwar il-knis. Is-CMD qed jkabbru l-operat tagħhom fejn il-knis jkun jista' jsir minnhom, għalhekk it-tender tal-knis ser jinżamm pendenti sakemm nirċievu lura mis-CMD. Jekk naqilbu mas-CMD l-allokazzjoni tal-gvern ċentrali tal-knis tgħaddi lis-CMD.

**REF: 64.3.7 Small Medium Enterprises (SME)**
Il-Kunsillier Cassar reġa' fakkar lis-Sindku biex jibgħat il-minuti tal-laqgħa li saret ma l-SME's. Sindku nforma li għadhom ma bagħtuhomx, u ser jerġa jibgħat tfakkira.

**REF: 66.3.2 - Cir AKL 2023/085 Laqgħat Skemi ta' parkeġġi residenzjali fil-lokalitajiet f' Malta u Għawdex**
Is-Sindku nforma li din l-iskema għad trid tiġi diskussa waqt *traffic management committee.*

**REF: 66.3.5 Siġar tal-Ficus**
Is-Sindku staqsa lil-Kunsillier Cassar jekk kienx qed jitkellem f'isem il-Grupp Armar meta staqsa dwar is-siġra tal-ballut li jista' jkun li taħbat mall-bandiera li titla ma dan l-arblu. Il-Kunsillier Cassar nforma li le, u li kien staqsa bħala Kunsillier. Għalhekk, is-Sindku nforma li hemm bżonn ninfurmaw lil-Grupp Armar, peress li qatt ma bagħtu b'mod uffiċjali.
Ir-risposta hija li jekk jaħsbu li s-sigra tal-ballut se ttellef il-bandiera, is-soluzzjoni hi li jittawwal l-arblu tal-ħadid. Is-siġra tal-ballut mhux se tiċċaqlaq.

**REF: 66.3.7 Maintenance Agreement Pavimentar Pjazza**
Is-Sindku nforma li għad ma rċevejniex id-*draft agreement*, fejn fakkar li talab lill-kuntrattur biex l-ewwel sena ta' l-2024 tkun mingħajr ħlas u l-ħlas jibda mis-sena 2025. Il-kuntrattur għandu jibgħat *draft agreement*, biex naraw x'ikun inkluż f'dan il-ftehim, xini r-rutina ta' manutenzjoni li għandha ssir, naqblu fuqu u jiġi iffirmat.
Is-Sindku għandu jerġa jibgħat tfakkira.

**REF: 66.4.4 Ħarġa tal-Kunsill**
Il-Kunsillier Deguara nforma li l-ħarġa li jmiss hija l-Ħamis li ġej nhar it-22 ta' Frar ġewwa il-mużew marittimu, fejn ser issir ħarġa għal l-istess post il-Ħamis ta' wara nhar it-29 ta' Frar.

**REF: 69.3.1 Riżenja ta' Impjegata u Permess ta' Impjieg**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li ntgħażel l-impjegat u rċevejna approvazzjoni mid-DLG u Jobsplus. L-impjegat il-ġdid is-Sur Jordan Sant beda jaħdem mall-Kunsill, fejn is-Sa. Lorraine Zammit Tabone tagħtu l-*handover.*

**REF: 69.4.1 Plakka Kommemorattiva u Ktieb**
Il-Kunsillier Deguara nforma li qed jitlesta l-materjal u fakkar lis-Sindku biex jlesti d-daħla għal-ktieb.

**REF: 67.4.12 Baġit**
Is-Sindku nforma li qed jaħdem u jfakkar biex jkun *drafted* l-*agreement* tal-pjazza mad-DPF, liema flus huma riservati.

**REF: 67.4.7 Trasport Pubbliku**
Is-Sindku nforma li bagħat tfakkira biex jsir is-*survey* issa li nfetħet triq Kungress Ewkaristiku, u ser jitlob laqgħa mal-Ministru l-ġdid, flimkien mas-CEO l-ġdid.

Saret diskussjoni dwar nuqqas ta' trasport pubbliku, b'mod speċjalment tal-linja bin-numru 47, li bosta qed jkunu ppakjati bin-nies. Għalhekk intalab mill-membri preżenti li jkun hemm żieda tan-numru 47 li titlaq mil-Mosta wkoll apparti dik il 47 li titlaq min-Buġibba.
Is-Sindku żied jgħid, li vetturi tal-linja ma hemmx biżżejjed, u għalhekk jista' jkun li din iddum biex tissolva. Is-Sindku nforma wkoll li kif jkollu data tal-laqgħa, ser jkompli jirsisti biex jkun hemm aktar frekwenza biex tkun indirizzata din il-problema.

**REF: 67.4.9 Triq Ġużeppi Callus u toroq tal-madwar (Torri, Xorxa, parti minn Cassar, Ċejlu Tonna u Mitħna l-Qadima kif ukoll pjazza Mitħna)**
Is-Sindku nforma li fi triq Ġuzeppi Callus l-ilma lest u bħalissa qed jsir id-drenaġġ.

**REF: 71.3.2 Jupiter Roundabout**
Dwar il-materja jekk hux permissibbli u legali, li l-Kunsill jkun intermedjarju, biex jgħaddi l-flus min IM għall-każin Santa Marija, is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li għad ma rċevejniex risposta.

**REF: 46.6.1 Arbitraġġ PAMA**
*Waqt din id-diskussjoni intfew il-mikrofoni għal xi ħin minħabba raġunijiet ta' etika.*

Is-Sindku nforma li kellu laqgħa mas-Segretarju Parlamentari Omar Farrugia l-ġdid responsabbli mill-Public Works taħt il-Miniseru ta' Chris Bonett, fejn ltaqaw fuq is-sit tal-ġnien ta' Mlit, u spjegalu x'sar mil-Public Works sa issa u x'inhu mistenni li jkompli jsir. Is-Segretarju Parlamentari nforma lis-Sindku li tkellem mal-perit tal-Public Works s-Sur Mario Ellul, fejn nformawh li dawn ser jibdlu s-saqaf tal-ġibjun biex primarjament jitnaddaf. Il-ġibjun ma jistax jitnaddaf mingħajr ma jitkisser is-saqaf għaliex huma magħmul min ħafna kmamar żgħar li jinfdu bil-bibien min kamra għal oħra u ma hemmx aċċess tajjeb min kamra għall-oħra biex jitnaddaf.
Is-saqaf ser jinbidel biex il-ħitan li jifformaw bosta kmamar, ser jitneħħew biex ikun hemm aktar ftuħ ħalli jkun aktar faċli meta jkun hemm bżonn isir it-tindif, u jkun aktar faċli li jittieħed l-ilma min ġo fih. Is-Sindku nforma wkoll li bgħat imejl lis-Segretarju Parlamentari, biex jkollna bil-miktub dak li ġie diskuss u deċiż fuq il-post.
Għalhekk, relatata ma din is-Sindku talab *way forward* fuq l-arbitraġġ tal-PAMA, liema każ kien inżamm pendenti, sakemm kellna konferma tax-xogħlijiet mil-Public Works.

Is-Sindku nforma li l-arbitraġġ tal-PAMA ser jieħu z-żmien għalhekk xtaq jressaq proposta, għax ma jridx li nibqgħu nħallu l-flus reqdin, għax aktar ma jgħaddi z-żmien aktar jonqos il-valur u jiżdied il-prezz tax-xogħlijiet. Huwa mportanti li tittieħed deċiżjoni mil-Kunsill biex nagħtu risposta l-PAMA, għax issa huma qed jistennew id-deċiżjoni tal-Kunsill.

Fis 7:15pm daħlet għal-laqgħa l-Kunsilliera Rapa.

Saret diskussjoni, fejn wara l-eżitu u żviluppi li kien hemm mall-Public Works li ser jinbidel is-saqaf tal-ġibjun u nterventi oħra, u wara li l-PAMA kitbilna b'mod uffiċjali biex isir proġett ieħor, liema proposta l-Kunsill kien qed jistenna biex jirrispondi sakemm kellna direzzjoni ċara mill-Public Works, is-Sindku ppropona li jitwaqqaf l-arbitraġġ u niktbu b'mod uffiċjali lil-PAMA biex il-Kunsill jagħżel proġett ieħor marbut ma l-ammont dovut.

Tkompliet id-diskussjoni bejn il-membri preżenti dwar il-flus u l-proġett li kellu jagħmel il-PAMA, fejn il-Kunsillier Zerafa ppropona li jsiru l-bankini, u s-Sindku ppropona li jew nitolbu l-flus biex nużawhom għad-depositu tal-Kunsill fuq il-proġett ta' Project Green, fejn il-Kunsill jrid joħroġ 10% tal-proġett, jew jintużaw biex jsir l-Obelisk li jkollha lapida żgħira tal-bronż b'isem il-PAMA.

Peress li ma kienx hemm qbil unanimu ttieħed vot.
Riżultat tal-votazzjoni;

**<u>Kontra li jsir proġett ieħor:</u>**
Kunsillier Keith Cassar
Kunsillier Aiken Zerafa
Kunsillier Frans Deguara
Kunsilliera Dott. Angele Rapa

**Astensjonijiet:**
Ma kienx hemm astensjonijiet

**Favur li jsir proġett ieħor:**
Sindku Chris Grech
Viċi Sindku Rachel Abela
Kunsilliera Maria Pia Bonnici
Kunsillier Marvic Camilleri
Kunsillier Danny Farrugia
Kunsillier George Borg
Kunsilliera Anna Galea

Peress li l-votazzjoni għaddiet favur li jinbidel il-proġett, reġa' ttieħed vot ieħor biex jintgħażel liema proġett.

Fis 7:35pm il-Kunsillier Camilleri talab biex jkun skużat mil-laqgħa.

Riżultat tal-votazzjoni biex bħala l-ewwel preferenza jintalbu l-flus lill-PAMA biex jintużaw l-10% għal proġett ta' Project Green;

**Kontra:**
Ma kienx hemm voti kontra.

**Astensjonijiet:**
Kunsillier Frans Deguara

**Favur:**
Sindku Chris Grech
Viċi Sindku Rachel Abela
Kunsilliera Maria Pia Bonnici
Kunsillier Danny Farrugia
Kunsillier George Borg
Kunsilliera Anna Galea
Kunsillier Keith Cassar
Kunsillier Aiken Zerafa
Kunsilliera Dott. Angele Rapa

Riżultat tal-votazzjoni biex bħala t-tieni preferenza jsir l-Obelisk;

**Kontra:**
Kunsillier Aiken Zerafa

**Astensjonijiet:**
Kunsillier Keith Cassar
Kunsillier Frans Deguara
Kunsilliera Dott. Angele Rapa

**Favur:**
Sindku Chris Grech
Viċi Sindku Rachel Abela
Kunsilliera Maria Pia Bonnici
Kunsillier Danny Farrugia
Kunsillier George Borg
Kunsilliera Anna Galea

Peress li l-Kunsillier Zerafa ppropona biex jsiru bankini, il-membri preżenti ntalbu wkoll biex jivvotaw, bħala t-tielet preferenza.

Riżultat tal-votazzjoni biex il-flus tal-PAMA jintużaw biex jsiru bankini;

**Kontra:**
Sindku Chris Grech
Viċi Sindku Rachel Abela
Kunsilliera Maria Pia Bonnici
Kunsillier Danny Farrugia
Kunsillier George Borg
Kunsilliera Anna Galea

**Astensjonijiet:**
Kunsillier Frans Deguara

**Favur:**
Kunsillier Keith Cassar
Kunsillier Aiken Zerafa
Kunsilliera Dott. Angele Rapa

Għalhekk, wara l-votazzjonijiet li ttieħdu mill-membri preżenti, il-PAMA ser ikun infurmat bid-deċiżjoni tal-Kunsill, biex l-ammont ta' flus li bihom kellu jsir il-ġnien ta' Mlit, jintużaw bħla s-sehem tal-Kunsill biex jintużaw fuq il-proġett ta' Project Green, u jekk il-PAMA ma jaqbilx u jibqa' li jrid jinvestihom fi proġett dirett, il-Kunsill jitlob biex jsir l-Obelisk.

**REF: 58.3.2 Toroq u Sqaqien (inkluż dawk iffinanzjati mid-DPF)**
Il-Kunsillier Cassar nforma li minħabba s-sitwazzjoni finanzjarja poġġejna ċerta proġetti *on hold,* li huma uħud mit-toroq hawn msemmijin, u għalhekk staqsa jekk dawn it-toroq nistgħux nitfawhom fuq il-PAMA bħala r-raba opzjoni.

Is-Sindku nforma li għalissa ser nzommu l-oħrajn *on hold* u ser immexxu għalissa bil-proġetti ta' sqaq Xorxa, sqaq San Anton Abbati, Dun Mikiel Xerri, Charles J. Vassallo, liema min dawn għażilna tnejn, fejn idealment inwaqqgħu l-kuntratti mad-DPF u napplikaw mill-ġdid ma Infrastructure Malta (IM), jekk dejjem jaċċettaw IM, u jiġu finanzjati 100%. Ir-raġuni hija li l-BOQ's tat-toroq li konna applikajna bid-DPF huma ta' żmien il-kuntrattur Elles Urban Services, u dawn issa m'għadhomx jgħoddu għax qegħdin bi prezzijiet antiki.

Il-membri preżenti qablu biex jekk jaċċetaw IM, napplikaw biex dawn it-toroq, sqaq Xorxa, sqaq San Anton Abbati, Dun Mikiel Xerri, u Charles J. Vassallo jsiru min IM, u jitwaqqfu il-kuntratti mad-DPF. Il-Kunsill jittrasferixxi il-fondi l-IM, u IM tikkuntratta Kuntrattur.

Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet nota biex tinħareġ *works order* biex il-perit tal-Kunsill jagħmel BOQ's ġodda bir-rati ta' IM.

Fit-8:05pm daħal l-accountant tal-Kunsill u saret sospensjoni ta' l-aġenda biex ngħaddu għal *items* 73.5.1 Financial Statements 2023 u 73.5.2 Quarterly 4 – October to December 2023.

**REF: 71.3.6 Street Furniture**
Is-Sindku nforma li ressaq il-proposta lil kuntrattur tal-*bus stop,* fuq id-deċiżjoni tal-Kunsill li saret fl-aħħar laqgħa, fejn lesti li nġeddu l-kuntratt sa l-2029.
Il-kuntrattur m'aċċettax, u nforma lis-Sindku li jista' jfittex lill-Kunsill fuq telf ta' profitt ta' reklami meta tneħħa l-*bus stop* sakemm saru x-xogħlijiet tal-pjazza, u għalhekk il-kuntrattur talab li nġeddu b'ħames snin sa l-2031. Is-Sindku nforma lil-kuntrattur li l-Kunsill jista' wkoll jfittex lil kuntrattur talli qatt ma għamel il-manutenzjoni fuq il-*bus stop.*

Saret diskussjoni bejn il-membri preżenti u għalhekk il-membri qablu li l-kuntratt jiġġedded sa l-2031. Il-Kunsill ser jkollu żewġ panelli bir-reklami.

**REF: 71.5.7 Xogħol tal-Enemalta minn Infrastructure Malta fil-Mosta**
Is-Sindku nforma li kellu laqgħa mas-CEO ta' l-Enemalta, u nformahom li mpossibbli li tingħalaq triq il-Kungress Ewkaristiku, minħabba li t-trinka kienet ser taffettwa Valletta Road u maġġur parti kbira ta' triq il-Kungress Ewkaristiku. L-Enemalta qed jipproponu li jgħaddu min triq ir-Rebbiegħa għal triq Ponsomby biex jevitaw Valletta Road. Is-Sindku qasam il-pjanta mall-membri preżenti li qed tiġi annessa bħala *Appendiċi A.*

Is-Sindku nforma li kien wara l-aħħar laqgħa kien hemm aktar żviluppi fejn l-Enemalta sabu *service culvert* fi triq il-Ħtajriet u ser jgħaddu minnu, u l-aħħar pjanta li hemm tindika li Valletta Road u triq il-Kungress Ewkaristiku mhux ser jkunu affettwati. Triq il-Kungress Ewkaristiku ser tkun affettwata biss b'wieħed jew żewġ *crossings,* li jridu jsiru bilfors.

Is-Sindku qasam mal-membri preżenti pjanta li rċieva reċenti, fejn ser jkun hemm trinka oħra fi triq il-Qares għal triq in-Naġġar. Pjanta annessa bħala *Appendiċi B.*

**REF: 72.3.2 SPI/SCI/01/2024 - Skemi dwar Restawr ta' Postijiet Monumenti Storiċi f'Malta- Tagħlaq il-Ġimgħa 23 ta' Frar 2024.**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li tkellmet mal-parroċċa, fejn Dun Bastjan ikkomferma biex l-applikazzjoni għar restawr issir fuq il-kappella ta' San Silvestru, u Dun Bastjan bagħat l-ittra ta' kunsens.

**REF: 72.4.2 Zebra Crossing fi Vjal Indipendenza**
Is-Sindku nforma lu tkellem ma Infrastructure Malta (IM), biex issir *zebra crossing* u l-Perit Vassallo ta' IM nforma lis-Sindku li ser tingħata biċċa tarmak min fejn ir-*roundabout* ta' Main Street sa fejn Ventur, u għalhekk is-Sindku fakkar il-perit Vassallo biex jindirizzaw il-ħruġ tal-Blata l-Għolja biex jitneħħa t-terrapien għax IM kellhom jagħmlu esproprjazzjoni, u biex issir *zebra crossing,* fejn il-perit Vassallo nforma lis-Sindku li diġà hemm *zebra crossing* u ma jistgħux jsiru tnejn viċin xulxin. Is-Sindku spjega li l-pubbliku qed jaqsam min fejn ir-*roundabout,* u saret talba mill-pubbliku biex iz-*zebra crossing* issir bi dritt it-triq li tagħti għal Blata l-Għolja u mhux quddiem il-*bus stop.*

Saret diskussjoni dwar il-*bus stop* fejn Il-Kunsillier Cassar ippropona li temporanjament isir *bus stop* quddiem Torri Miruzzi sakemm isir il-*junction,* u ieħor aktar l-isfel fejn ir-*roundabout.* Is-Sindku nforma li ser jibgħat il-proposta lil IM.

**REF: 72.4.3 MoU Parkeġġ Kulleġġ Maria Reġina Żokkrija.**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat lil membri preżenti li bagħtet tinforma lil-kulleġġ li l-Kunsill ma jaqbilx mat-termini tal-kuntratt. Il-Kunsillier Borg nforma li tkellem mal-kulleġġ wkoll li t-termini l-ġodda tal-kuntratt mhumiex aċċettabbli.
Il-membri preżenti qablu li dan il-ftehim ma jiġix iffirmat, dan għaliex il-kulleġġ bidlu t-termini ta' l-MoU min l-ewwel *draft* li kienu bagħtu lil-Kunsill.

**REF: 72.5.3 Ġnien Biswit Ċentru Ċiviku**
Is-Sindku nforma li dan il-ġnien qed jiġi rranġat skond il-pjanta approvata mill-Kunsill fl-laqgħa preċedenti.Ġie eliminat il-passaġġ ta' barra u twesgħu żewġ passaġġi oħra li jwassluk sal-intrata taċ-ċentru ċiviku.
Qed jitkompla l-proġett tal-'landscaping' f'din iż-żona mħallas mill-MTA, liema xogħol qed isir ma dak tal-pjazza.
Il-pavimentar ta' madwar dan il-ġnien hemm bżonn jinbidel u ssir kurduna tal-qawwwi baxxa mad-dawra kollha tal-ġnien biex tilqa' l-ħamrija, liema xogħol irid isir meta jkun hemm fondi għalih.

**REF: 72.5.4 Traffic Management**
Is-Sindku staqsa lil-membri preżenti għall-kummenti tagħhom dwar l-implimentazzjonijiet li saru. Il-Kunsillier Cassar nforma li jħoss li r-residenti ta' triq Brittanja qed jgergru, fejn is-Sindku kkonferma li ta' triq il-Wata qed jgergru wkoll, u jidher wkoll li bosta vetturi qed jgħaddu min triq il-Ġnejna bħala *short-cut.*
Is-Sindku staqsa jekk għandux jibqa' kollox kif inhu, imma jekk ser jsir hekk, fejn hemm iż-żebgħa temporanju tkun elevata bil-porfido kif sar quddiem is-City.

Fid-9:00pm Il-Kunsillier Zerafa talab biex jkun skużat mil-laqgħa.

Saret diskussjoni u l-Kunsillier Cassar huwa tal-parir li din il-materja għanda terġa tiġi diskussa waqt it-*traffic management committee.*

**REF: 72.5.5 Update - Obelisk fil-Pjazza**
Din il-materja ġiet diskussa f'*item* REF: 46.6.1 Arbitraġġ PAMA

Il-membri preżenti approvaw il-minuti tal-laqgħa numru 72.

**73.3 Kommunikazzjoni / Korrispondenza mis-Sindku**

**73.3.1 Għaqda Nanniet**
Is-Sindku nforma li attenda l-ħames snin anniversarju tan-Nanniet, u talbu li ssir ħarġa fix-xahar billi dawn il-ħarġiet jsiru a spejjez tal-Kunsill. Il-membri preżenti m'approvawx, għax diġà issir ħarġa mill-Kunsill kull xahar.

**73.3.2 Skemi**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li rċevejna imejl bl-iskemi li ħarġu għal din is-sena, liema imejl ġiet ċċirkulata mal-Kunsilliera.

- SPI/SCI/01/2024 - Espressjoni ta' Interess - Servizz ta' xogħlijiet għal żvilupp ta' Community Gardens fil-Lokalitjiet madwar Malta u Għawdex. Data ta' l-għeluq il-Ġimgħa, 29 ta' Marzu 2024.

- SPI/SCI/02/2024 - Komunitajiet aktar b'saħħithom u inklussivi. Data ta' l-għeluq it-Tlieta, 9 ta' April 2024.

- SPI/SCI/03/2024 - Inizjattiva Finanzjarja - Lokalitajiet aktar Nodfa. Data ta' l-għeluq - il-Ġimgħa, 31 ta'Mejju 2024.

- SPI/SCI/04/2024 - Fond ta' Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali. Data ta' l-għeluq il-Ġimgħa, 28 ta' Ġunju 2024.

- SPI/SCI/05/2024 - Skema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali u Natalizji 2024/2025. Data ta' l-għeluq it-Tlieta, 26 ta'Marzu 2024.

Is-Segretarju fakkret lil-membri preżenti, li minħabba finanzi huwa mpossibbli li napplikaw għal kollox, għax diġà ma hemmx biżżejjed fondi għal-skemi oħrajn li l-Kunsill diġà għamel *committment* għalihom. Is-Sindku 'insista li mhux ser jitlef fondi imma dawn importanti li jsiru għax nitilfu ħafna flus biex sempliċiment ma noħorġux il-minimu ta' fondi rikjest minna. Is-Sindku nforma li ser jdur id-dettalji ta' l-iskemi biex jnidentifikaw liema napplikaw. ser napplikaw.

**73.3.3 Trejqet Qasira**
Is-Sindku nforma li fuq trejqet Qasira, ir-residenti qed jgergru għax jridu *barrier* li titlà bir-*remote* peress li qed jgħaddu bosta vetturi, u qed jużaw din it-trejqa bħala *short-cut*, peress li Ir-residenti almenu talbu biex issir *One Way Except For Residents* imwaħħla fi triq il-Qasira bħal ma hemm fit-tarf l-ieħor.

**73.3.3 Garaxx**
Is-Sindku nforma li sibna garaxx viċin il-garaxx tal-Kunsill, biex il-magni tal-knis tal-Cleansing Division jkunu ggaraxxjati kif mitlubin. Il-prezz huwa ta' €23 esklużVAT. Dan qed jinkera għal tlett xhur, sakemm jinħareġ it-tender, għax il-Cleansing Division diġà tawna l-magni u ma nistgħux inħalluhom barra u fil-garaxx tal-Kunsill ma hemmx spazju biżżejjed.
Il-membri preżenti qablu li jinkera l-garaxx, sakemm jinħareġ tender.

Fid-9:20PM ħarġet mil-laqgħa l-Kunsilliera Bonnici, peress li għal Premju Mara kienet waħda min-nominati.76

**73.3.4 Premju Mara**
Inqraw l-applikazzjonijiet ta' Premju Mara fejn irċevejna 14 il-nomina.

Applikazzjonijiet li rċevejna ta' persuni nominati:

- Alexandra Bonnici
- Anna Maria Vella
- Astrid Jo Parnis
- Elaine Attard
- Fiona Scalpello Hammet
- Geraldine Spiteri Lucas
- Jane Meilak
- Josephine Sammut
- Josette Dalmas
- Karen Buttigieg
- Lillian Scerri
- Maria Pia Bonnici
- Marvic Camilleri
- Miran Sapiano

Inqraw in-nomini u it-tagħrif ta' kull persuna nominata.
Fid-9:30PM daħlet lura għal-laqgħa l-Kunsilliera Bonnici.

Il-membri preżenti vvutaw hekk kif inhu ġej:

- Sindku Perit Chris Grech - vot lil Maria Pia Bonnici
- Viċi Sindku Rachel Abela - vot lil Anna Maria Vella
- Kunsillier Keith Cassar - vot lil marvic Camilleri
- Kunsillier Francis Deguara - vot lil Elaine Attard
- Kunsillier Dott. Angele Rapa - vot lil Alexandra Bonnici
- Kunsilliera Maria Pia Bonnici - astjenit
- Kunsillier Mario Victor Camilleri – vot lil
- Kunsillier Danny Farrugia - astjena
- Kunsillier George Borg - vot lil Anna Maria Vella
- Kunsilliera Anna Galea - vot lil Anna Maria Vella

Il-membri preżenti approvaw li tkun nominata Is-Surġent Anna Maria Vella tal-Community Police, li ġabet l-aktar voti.

**73.3.5 Skema Kulturali Regjun Tramuntana 2024**

Is-Sindku nforma li kien hemm ammont ta' €5,000 min skema kulturali tar-Reġjun Tramuntana fis-sena 2023 li ma ntużatx mill-Kunsill Lokali Mosta, u talab lir-Reġjun Tramuntana biex dan l-ammont jintuża ma ta' din is-sena kurrenti.
Is-Sindku ressaq ukoll għad-diskussjoni waqt laqgħa tar-Reġjun Tramuntana biex jiġi vvutat ammont ta' €20,000 għal kull Kunsill Lokali fir-reġjun biex jintefqu għal skop kulturali f'din is-sena kurrenti. Għalhekk, għalina b'kollox hemm is-somma ta' €25,000 disponibbli għall-kultura liema somma trid tintefaq sa Novembru 2024.
Is-Sindku propona li jsir monument artistiku ta' Savio Deguara fil-ġnien biswit iċ-Ċentru Ċiviku, liema monument jiġi jikkumplimenta l-monument tax-xehda tal-għasel li sar mill-istess skultur fil-millenju.

Min dawn il €25,000, kif spjegat ser isir il-monument biswit iċ-Ċentru Ċiviku li ser jiswa €5,600 eskluż il-VAT, irid jitħallas it-transport, it-tqegħid kif ukoll irid isir pedament bil-konkos li fuqu jitpoġġa l-monument.
Biex jiġi kkommisjonat dan il-monument ma hemmx bżonn kwotazzjonijiet għax dan ser isir mall-iskultur Savio Deguara fuq skop ta' 'artistic merit'.
In-nefqa tal-Karnival 2024 li sar fid-9 ta' Frar, li kienet tammonta madwar €17,000 inkluż il-VAT, saret ukoll min tali skema kulturali.
Min din l-iskema wkoll, is-Sindku propona wkoll li jsir 'feature' dedikat għal mitt anniversarju tal-monument tal-Ġimgħa l-Kbira.
Rigward il-lapidi li kienu fil-pjazza li jridu jerġgħu jeħlu, dawn qed jiġu restawrati. Ġie diskuss li ma huwiex neċessarju li kull lapida titqiegħed preċiżament fil-post fejn kienet qabel.

**73.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

**73.4.1 Patching**

Il-Kunsilliera Rapa nfurmat li triq l-Inkurunazzjoni, l-parti li tiġi għal triq l-Isperanza hemm bżonn il *patching*.

**73.4.2 Triq Kungress Ewkaristiku k/m Triq il-Bażilika**

Il-Kunsilliera Rapa staqsiet lis-Sindku ta' min hi d-dritta Triq Kungress Ewkaristiku k/m Triq il-Bażilika, għax il-vetturi qegħdin jibqgħu ħerġin. Is-Sindku nforma li d-dritta hija ta' min hu ġej Triq Kungress Ewkaristiku. Triq il-Bażilika quddiem ir-Rocs, hemm *stop sign*.

**73.5 Rapporti**

**73.5.1 Financial Statements 2023**

L-accountant tal-Kunsill ta' spjegazzjoni fuq l-estimi finanzjarji 2023.

Paġna 4 - Statement of Comprehensive Income
Dħul €1,733,638 u ħruġ €2,017,487 fuq natura rikorrenti, fejn ser nagħlqu s-sena defiċit ta' €283,715.

Paġna 13 - Note 4 Dħul mil l-allokazzjoni, kellna €1,449,800 u dħul ieħor €24,608. Dħul min bye-laws €23,864, dħul mil-LESA €16,602, dħul min skemi u permessi €218,754.

Bħala ħruġ €341,214 min pagi, onorarji tal-Kunsilliera u sigurtà soċjali.
Spejjez ta' Operations and Maintenance fil-lokalità fl-2023 kienet €1,112,766, kumparat ma l-2022 liema spejjez kienu ta' €1,062,529.

Filwaqt li l-ispiża ta' l-iskart fl-2023 kienet ta' €405,691 kumparat ma l-2022 liema spiża kienet ta' €374,824.

Patching u bankini fuq natura rikorrenti fl-2023 l-ispiża kienet ta' €116,828 kumparat ma l-2022 liema spiża kienet ta' €49,412.

Spejjez amministrattivi, fejn l-ispiża fl-2023 kienet ta' ta' €563,507 kumparat ma l-2022 liema spiża kienet ta' €388,602. Hemm wkoll żieda fid-*depreciation* fuq attivitajiet li għamel il-Kunsill fejn fl-2023 id-*depreciation* kien ta' €136,249 kumparat ma l-2022 liema *depreciation* kien ta' €51,870.

Paġna 18 - Proġetti kapitali fl-2023 kien hemm żieda ta' kważi €700,000 u għalhekk din taffettwa id-*depreciation* wkoll.

Jekk wieħed jara n-natura rikorrenti, il-Kunsill ser jkun qed jagħlaq is-sena 2023 b'*deficit* ta' €283,715, li jiġi *current net liability position* ta' €185,571 (paġna 24).
Is-Sindku nforma lil-accountant biex titniżżel nota fl-estimi finanzjarja 2023, fejn jiġi ndikat li żball tar-Reġjun Tramuntana dwar l-pagamenti ta' l-iskart.

Il-membri preżenti approvaw il-Financial Statements 2023

**73.5.2 Quarterly 4 - October to December 2023**
L-accountant tal-Kunsill nforma li n-numri tal-*quarterly accounts* min Ottubru sa Diċembru 2023 huma l-istess bħal estimi finanzjarji li għadhom kemm ġew ippreżentati, fejn l-FSI huwa fin-negattiv ta' -13%, li jamm'onta għal *negative current asset* ta' €185,571.

Il-membri preżenti approvaw il-*quarterly accounts* min Ottubru sa Diċembru 2023.

Fit-8:30pm il-membri preżenti qablu li l-ħin tal-laqgħa jiżdied sad-9:30pm

**73.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni**

**73.6.1 Skeda ta Pagamenti**
Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill, l-iskeda ta' pagamenti numru 148.
Il-membri tal-Kunsill approvaw il-pagamenti.

**73.6.2 Purchase Orders**
Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-*purchase orders.*
Il-membri tal-Kunsill approvaw il-pagamenti.

**73.6.3 Works Orders**
Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-*Works Orders.*
Il-membri tal-Kunsill approvaw il-*works order list.*

**73.6.4 Petty Cash**
Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-listi tal-*petty cash.*
Il-membri tal-Kunsill approvaw il-listi tal-*petty cash* li jkopru x-xahar ta' Jannar 2024.

**73.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**
Il-laqgħa ntemmet fid-9:45pm ta' filgħaxija, u ġiet aġġornata għat 2 ta' April 2024 fis-6:00pm.
Konfermati llum 2 ta' April 2024.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATI | IFFIRMATI |
| Perit Chris Grech | Lorraine Templeman |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

APPENDICI A

Google Maps Triq Il-Kungress Ewkaristiku




Imagery ©2024 Airbus, CNES / Airbus, Maxar Technologies, Map data ©2024 50 m



APPENDICI B







LEGEND :

- PROPOSED HV CABLE
- PROPOSED LV CABLE
- HDPE DUCT
- EARTHMAT
- TRENCH
- EXISTING 11Kv CABLE
- PROPOSED 11Kv CABLE
- PROPOSED EARTHMAT
- PROPOSED LV CABLE

0 10 50 100 150

enemalta

MARSA POWER STATION
CHURCH WHARF MARSA MALTA
TEL. 80072224
TEL. 22980228

# PROPOSED MOSTA TAL-QARES SUBSTATION

| | | | |
|---|---|---|---|
| SCALE | NTS | FILE No. | |
| DRAWN BY | M.ZAMMIT | | |
| CHECKED BY | E.CIANTAR | DRG. No. | ENE/DK/2484 REV1 |
| DATE | 04/03/2023 | | |

Size A2